MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Numru. 323/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mario Tonna)**

**vs.**

**James Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

James Abela, detentur ta’ karta tal-identita’ nru 260992M.

Akkuzat talli nhar id-29 t’Awwissu, 2006 u matul dawn l-ahhar xhur gewwa l-Gzejjer Maltin u cioe’ Pjazza San Luqa Pieta’, gewwa l-Hamrun u kif ukoll gewwa San Pawl il-Bahar u bnadi ohra fil-Gzejjer Maltin kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet/intuzat f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

U aktar talli matul l-istess zminijiet, hinijiet postijiet u taht l-istess cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija tordna l-konfiska tal-vettura Mitsubishi Lancer nru tar-registrazzjoni CAQ 962 bhala parti formanti mill-corpus delicti u dan skond l-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala li huwa recidiv ghat-termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie kkundannat li kkommetta diversi reati liema sentenzi saru definittivi mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordnijiet tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), kif ukoll bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31) sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Wara li rcievew informazzjoni anonima dwar l-imputat, il-Pulizija tal-Ghassa tal-Hamrun marru go hanut tat-tè u staqsew lill-imputat biex imur maghhom l-Ghassa, u huwa obdihom.
2. Meta kienu l-Ghassa, il-Pulizija talbu lill-imputat biex inehhi l-affarijiet kollha li kellu fil-bwiet tal-qalziet. Huwa hareg mazz flus li beda jghoddhom. Kif kien qed jghoddhom, il-Pulizija ghidu li rawh jitfa xi haga mal-art taht il-mejda. Hu nnega li rema' xi haga. Il-Pulizija gibdu l-mejda u tahtha kien hemm borza tal-plastik. L-imputat hataf il-borza u pprova jarmiha, pero gie mizmum mill-Pulizija.
3. Din il-borza kienet wahda zghira u kien fiha pakketti zghar. L-imputat kellu l-ammont ta' Lm140.80c fuqu u zewg mobiles.
4. Saret ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputat instabu *inter alia* maghrfa mahruqa, karta bajda b'xi trab abjad, tlett seringi – wahda gdida u tnejn imkissra, foil mahruq, citric acid, disa' pilloli, erba' bicciet foil bi trab kannella car fihom, u mizien elettroniku.
5. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li l-borza zghira kien fiha l-herojina u l-bicciet tal-foil li nstabu d-dar tieghu kienu uzati minnu u kien fihom l-herojina ukoll.
6. Waqt li kien fl-ufficcju tal-Ispettur, cempel xi hadd fuq wiehed mill-mobiles tal-imputat u qal dan id-diskors *"Niltaqghu s-soltu u gibli pakkett"*. L-imputat innega li jaf min hu.

7. L-imputat innega li jbiegh l-herojina imma ammetta li kien jixtri minghand wiehed minn hdejn id-Detox Centre u l-ahhar li xtara kien il-gurnata ta' qabel. Kien xtara tlett (3) grammi u xtrahom LM60. Huwa qal li tlett grammi kienu jservuh erbat (4) ijiem.
8. L-imputat qal li hu jiehu r-relief ta' LM127 fix-xahar u s-supplimentari, u spjega li kellu dak l-ammont ta' flus fuqu ghax kien qed izomm il-flus biex ihallas il-kera tal-flat li kienet ta' Lm95.00.
9. L-Espert Xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda r-relazzjoni tieghu hekk:[1]

*"(a) illi minn swab mehuda mill-imgharfa ... ... instabet is-sustanza Eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(b) illi fl-estratti mit-tliet siringi ... ... instabet is-sustanza Eroina f'wahda minnhom. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(c) Illi minn swabs mehuda miz-zewg aluminium foils ... ... instabet is-sustanza Eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(d) Illi mill-estratti mit-trab ta' lewn kannella ... ... instabet is-sustanza Eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 2.24 grammi u l-purita kienet ta' cirka 24%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(e) Illi s-sustanza Diazepam fil-pillola ta' lewn bexx maghluqa go blister package u bil-kliem Valium Tablets Diazepam 5mg hija kkontrollata taht it-Tielet Skeda Taqsima B tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(f) Illi fl-estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 577-06-04, mis-sustanza ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 577-06-05 u mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 577-06-06 ma nstabux tracci ta' droga.*

*(g) Illi minn swab mehuda mill-mizien ta' lewn iswed ... ... ma nstabux tracci ta' droga."*

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[2] Huwa qal li kien mar jiehu kafé fil-hanut fi triqtu lejn id-Detox. Il-borza bl-herojina li sabulu l-Pulizija kien xtraha ftit minuti qabel minn gol-hanut stess minghand wiehed jismu Peter Paul Zammit, maghruf bhala l-Giza. L-imputat jghid li gieli xtara minghandu. L-imputat qal li hu cert li fl-istqarrija tieghu huwa ma qalx li kien xtara d-droga l-gurnata

---

[1] Ara relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut ezebita bhala Dok GS1 a fol. 44 tal-process
[2] Ara xhieda tal-Imputat a fol. 113 *et seq.* tal-process.

ta' qabel. L-imputat qal ukoll li barra l-flus tar-relief u s-supplimentari kienet tatih il-flus ommu, u kienet tghinu l-mara tieghu ukoll. Huwa jghid li ma semghax il-kliem li qal min cempel fuq il-mobile tieghu u kellem lill-Ispettur. L-imputat jghid ukoll li kien ilu tlett snin il-habs u matul dan il-perjodu ghamel programm ta' riabilitazzjoni.

Ghalhekk fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-kwistjoni li din il-Qorti trid tiddeciedi hi jekk id-droga li nstabet fuq l-imputat kienitx intiza ghal uzu tieghu personali kif qieghed jissottometti hu, jew li ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu, kif qed tissottometti l-Prosekuzzjoni.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[3] irriteniet illi: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."* (enfasi ta' dik il-Qorti)

Inoltre, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[4] osservat li kawzi li jikkoncernaw imputazzjonijiet ta' pussess aggravat: *"... ... mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista' skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" (26.8.1998). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati (Ara Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" (2.9.1999)."*

Din il-Qorti, wara li kkunsidrat il-fatti kollha tal-kaz hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-herojina li instabet fil-pussess tal-imputat ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

[3] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[4] Per Imhallef Joseph Galea Debono.

1. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li d-droga kien xtraha l-gurnata ta' qabel, izda fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti huwa mhux talli jghid li d-droga kien xtraha dak-in-nhar ftit minuti qabel ma gew ghalih il-pulizija, talli jichad lill-Ispettur kien qallu waqt l-istqarrija li hu kien xtraha il-gurnata ta' qabel. Issa l-imputat qatt ma kkontesta l-volontarjeta tal-istqarrija. Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarra ittiehdet f'Awwissu 2006, kien biss meta xehed fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2012,[5] li l-imputat issolleva l-kwistjoni li l-istqarrija ma kinietx tirrifletti dak li qal hu waqt l-interrogatorju f'dan l-aspett. Matul dawn il-hames (5) snin, l-imputat qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija tieghu jew li jichad il-kontenut taghha *in toto* jew *in parte*. Dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qed ihossu illi tqieghed taht zvantagg ingust bl-istqarrija tieghu li, wara kollox, ghamilha liberament. In oltre, fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li hu kien jixtri tlett (3) grammi kull erbat (4) ijiem – u din il-parti tal-istqarrija ma gietx kontestata fix-xhieda tieghu. Pero il-piz totali tal-herojina li nstabet fuq l-imputat kien ta' 2.24 grammi,[6] u cioe kwazi 0.8 grammi milli normalment jixtri. Apparti li l-imputat bl-ebda mod ma ipprova jiggustifika din id-diskrepanza fil-piz, kif inhu notorju f'dan il-qasam, id-doza tipika hija ta' 0.2 grammi, u dan ifisser li l-imputat kellu erba' (4) dosi ta' herojina neqsin (0.8g divizi b'0.2g) – li ghal *heavy user,* kif pinga lilu nnifsu l-imputat, huwa ammont relevanti. Ghalhekk, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-verzjoni veritiera hija dik li ta l-imputat fl-istqarrija tieghu *a tempo vergine,* u cioe li d-droga kien xtraha il-gurnata ta' qabel minghand ragel li kien hdejn id-Detox Centre.

2. Konsegwentement, ma kien hemm l-ebda raguni valida jew logika ghalfejn l-imputat kellu jgorr id-droga kollha li xtara mieghu, il-gurnata ta' qabel, jekk id-droga kienet intiza kollha ghal konsum tieghu – certament li ma kienx se jikkonsmaha kollha dak in-nhar. Fil-borza tal-plastik li nstabet fuq l-imputat kien hemm disa' (9) qratas,[7] li l-piz taghhom kien ivarja minn 0.16g sa 0.64g.

3. Il-Qorti issib li r-raguni li ta l-imputat, fl-istqarrija tieghu, ghalfejn kellu fuqu LM140.00 – u cioe li kien qed izomm LM95.00 ghal kera tal-flat – bhala wahda mhix attendibbli. L-imputat ma jghidx li kien sejjer ihallas il-kera, u ghalhekk ma kienx hemm raguni valida ghalfejn kellu joqghod igorr il-flus tal-kera fuqu.

4. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li hu kien jonfoq Lm60 droga kull erbat ijiem – jigifieri kellu bzonn cirka Lm450 fix-xahar biex imantni l-*habit* tieghu u Lm95 fix-xahar biex ihallas

[5] Ara xhieda tal-imputat a fol. 113 *et seq.* tal-process.
[6] Ara relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut ezebit bhala Dok GS1 a fol. 44 tal-process.
[7] Ara relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut ezebit bhala Dok GS1 a fol. 44 tal-process.

il-kera tal-flat. Dan apparti l-flus li kellu bzonn ghal hajja ta' kuljum: ikel, hwejjeg, fuel ecc. Hu kien jircievi relief ta' Lm127 u xi supplimentari, u fix-xhieda tieghu jghid li kienu jghinuh ommu u l-mara tieghu, pero ma ngabet l-ebda prova li ommu u martu kellhom xi introjtu jew kapital iktar min-normal. Certament mhux verosimili li bil-flus li kellhu ghad-disposizzjoni tieghu l-imputat seta' mhux biss ihallsu l-flus tal-ammont qawwi tad-droga li kien jixtri fix-xahar, imma jkopri wkoll l-ispejjez tal-kiri tal-flat u dawk tal-hajja ta' kuljum. Kif inhuwa risaput, *a heavy addict* normali, kif pinga lilhu innifsu l-imputat, lanqas ikollu flus biex jixtri d-droga – fil-fatt normalment jispicca jirrikorri ghas-serq – u dak il-ftit li jkollu juzah biex jixtri pakkett jew tnejn.

5. Waqt it-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat jghid li ma nstabx mizien ghand l-imputat.[8] Dan mhux korrett fattwalment, ghax waqt it-tfittxija fir-residenza tal-imputat instab mizien elettroniku zghir. Huwa vera, li mir-rapport tax-xjenzat Godwin Sammut irrizulta ma' kienx hemm tracci ta' droga fuqu. Pero, l-imputat mhux talli ma offra l-ebda spjegazzjoni ghal x'hix kien juza dan il-mizien, talli fit-trattazzjoni orali gie negat li kellu dan il-mizien.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti issib li l-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat huwa hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Rigward it-tieni imputazzjoni, u cioe li l-imputat kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata bi ksur tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, li fost l-affarijiet li instabu fir-residenza tal-imputat kien hemm pilloli bis-sustanza *diazepam*, li hija kkontrollata mill-Kapitolu 31. Ghalhekk din it-tieni imputazzjoni giet ukoll ippruvata.

Rigward it-talba tal-prosekuzzjoni li titratta mal-hati bhala recidiv, din l-imputazzjoni giet ippruvata bis-sentenza ezebita mill-Prosekuzzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

[8] Ara fol. 125 tal-process.

Il-fedina penali tal-imputat mhix wahda felici. Huwa ghandu erbatax (14)-il kundanna minn dawn il-Qrati, li minnhom hemm: zewg kundanni ghal reati relatati mal-ligijiet tas-sewqan, erba' kundanni relatati ma' diversi reati ta' serq aggravat, zewg kundanni ta' falsifikazzjoni, kundanna talli rrezista Pulizija u ikkagunalu ferita hafifa, zewg kundanni ghal pussess semplici tad-droga cannabis u herojina, u kundanna ghal pussess aggravat u traffikar tad-droga herojina.

Fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2012,[9] gie registrat is-segwenti verbal: *"Il-partijiet jaqblu li l-imputat ilu mizmum gewwa CCF ghal dawn l-ahhar 3 snin, tul liema zmien huwa attenda u kkonkluda b'success programm ta' rijabilitazzjoni San Blas. Il-partijiet jaqblu wkoll li l-imputat fadallu 3 xhur mis-sentenzi imposti fuqu."*

Pero dan il-fatt ma jezimix lill-imputat mill-piena ghar-reati li taghhom instab hati, in partikolari dak tal-pussess aggravat tad-droga. Dan aktar u aktar meta l-legislatur stess ipprovda li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, tas-sentenza sospiza u tal-Probation of Offenders Act ma japplikawx ghar-reat tal-pussess aggravat tad-droga in dizamina (Artikolu 22(9) Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan effettivament ifisser li meta persuna tinstab hatja ta' pussess aggravat ta' droga, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti hija legalment tassattivament marbuta li tikkundanna lill-hati ghal piena ta' prigunerija effettiva u multa, u l-Qorti hija prekluza milli tinfliggi piena ta' prigunerija u multa inqas mill-minimu stabbilit bil-ligi.

Kif osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi u fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess ta' l-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq*

[9] Ara fol. 111 tal-process.

*attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."* Fil-kaz odjern, billi l-programm residenzjali sar fil-mori ta' dekors ta' perjodu ta' prigunerija, din il-Qorti ma tistax tiehdu in konsiderazzjoni.

Pero, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-Qorti mhix tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi grad minhabba li l-imputat hu recidiv.

Fl-ahharnett, rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni li f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-vettura tal-imputat, il-Qorti qed tichad it-talba, stante li ma giex ippruvat li l-vettura giet uzata biex jigu kommessi r-reati li ghalihom l-imputat instab hati.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 u ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotta kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' sentejn u nofs prigunerija effettiva u multa ta' elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' seba' mija u tmienja u ghoxrin Euro u zewg centezmi (€728.02) – ekwivalenti ghas-somma ta' tlett mija u tnax-il Lira Maltija u erba' u hamsin centezmu (Lm312.54) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-flus ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------